# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## SEDUTA NRU 316 – It-Tnejn 22 ta' Frar 2016

## AĠENDA

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti li joħorġu mill-Minuti
3. Finanzi: Approvazzjoni ta' pagamenti
4. Ħwejjeġ oħrajn.

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00 p.m. Ippresieda s-Sindku Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi Sindku Dr Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier is-sur Julian Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Clayton Cutajar
Il-Kunsilliera is-sinj. Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 315 jkunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**2.1 Talba ma' Transport Malta dwar *restricted access* fi Triq l-Imqabba**

Is-Sindku qal li kien kiteb lil TM fejn infurmahom li l-KL Rabat ma sabu l-ebda oġġezzjoni filwaqt li l-KL ma bagħtu l-ebda tweġiba. Minkejja dan, it-tweġiba

tat-Tmkienet waħda fin-negattiv. Is-Sindku qal li kien se jerġa jikteb lil TM fejn se jibqa'jinsisti dwar il-proposta tal-Kunsill. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilliera jistgħux b'xi mod jagħmlu intervent huma wkoll.

### 2.2 Għoti ta' wiċċ ġdid fi Triq il-Mitħna

Is-Sindku qal li wara li kien sar il-coordination meeting mal-entatijiet konċernati, saret laqgħa ma' rappreżentanti tat-Trasport Pubbliku.Dawn qablu li ndawru r-rotta b'tali mod li jitnaqqas kemm jista' jkun l-inkonvenjent lill-pubbliku. Ix-xogħolijiet għadhom mistennija jibdew it-Tnejn 28 ta' Marzu. Preżentament qed nistennew l-istimi u l-ordnijiet tax-xogħol mingħand il-WSC dwar it-tiswija tad-drenaġġ u l-bdil tas-servizzi tal-ilma.

### 2.3 Laqgħat ta' Konsultazzjoni dwar ir-Refurbishment dwar Għar Lapsi

Is-Sindku qal li wara li kienet saret laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika, saret laqgħa mas-sajjieda li kienet waħda numeruża. Saret ukoll laqgħa ma' rappreżentant tal-MTA. Issa mistennija li jsiru laqgħat ma' rappreżentanti tal-kumpaniji tal-għaddasa u dawk li għandhom xi negozju f'Għar Lapsi. B'hekk hu mistenni li l-pjanti jitlestew għall-aħħar ta' April.

### 2.4 Jum is-Siġġiewi

Is-Sindku u l-Kunsilliera iddiskutew u qablu dwar diversi attivitajiet oħrajn marbutin ma' Jum is-Siġġiewi. Dawn huma:

- It-Tlieta l-1 ta' Marzu – Laqgħamat-tfal tal-iskola waqt il-ħin tal-*assembly*;
- Il-Ħamis, 3 ta' Marzu – Laqgħa mal-Anzjani fiċ-Ċentru Ċiviku;
- Is-Sibt 12 ta' Marzu – Kunċert Vokali u Strumentali fil-Knisja Parrokjali;
- Il-Ħadd 13 ta' Marzu – Jum is-Saħħa u Sports

## 3 FINANZI

### 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 3.2 Rapport Finanzjarju 2015

Is-Sindku stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jagħmel preżentazzjoni dwar id-dħul u l-ħruġ finanzjarji mhux awditjati tas-sena 2015.
Il-Kunsill daħħal €815,359.00 u ħareġ €828,314. Dan ifisser li kien hemm żbilanċ ta' €12,855.

Madankollu, il-working capital kien jaqra bilanċ pożittiv ta' €19,804.
Is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jaċċetta r-rapport kif inhu sakemm jiġi rivedut mill-awdituri.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 4 KUNTRATTI

**4.1 Supply of Cold Asphalt LCS 2/16**

Is-Sindku qal li għas-sejħa ta' offerti tas-Supply of Cold Asphalt LCS 2/16 u li għalqet nhar is-17 ta' Frar, 2016 daħħlet offerta waħda biss, dik tal-kuntrattur preżenti, iġifieri Central Asphalt Ltd., bil-prezz ta' €89.25 kull tunellata. Huwa ippropona li l-Kunsill jaċċetta din l-offerta. Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondiet u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.2 Supply of Concrete LCS 13/14**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-imsemmi kuntratti għalqet l-ewwel sena tiegħu fil-31 ta' Jannar, 2016. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill iġeddu għat-tieni sena tiegħu.
Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.3 Cleaning and Clearing of Urban & Non urban areas LCS 10/14**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-imsemmi kuntratti għalqet l-ewwel sena tiegħu fil-31 ta' Diċembru, 2016. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill iġeddu għat-tieni sena tiegħu.
Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.4 Resurfacing of Roads LCS 18/14**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-imsemmi kuntratti se tagħlaq l-ewwel sena tiegħu fid-29 ta' Frar, 2016. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill iġeddu għat-tieni sena tiegħu.
Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 4 ĦWEJJEĠ OĦRAJN

**5.1 Festa Bebbux**

Is-Sindku qal li kien mitlub mis-2mindsevents biex jorganizzaw din l-attività is-Sibt 23 u l-Ħadd 24 t'April fi Pjazza San Nikola, kif ukoll nagħtuhom l-għajnuna tagħna. Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.2 Mixegħla tas-Salib tal-Għolja**

Is-Sindku qal li it-tħejjijiet qabdu r-ritmu u din is-sena hemm ippjanat li tiġi introdotta mixja bis-sehem tal-parroċċa u tal-Każin tal-Banda mill-Pjazza sas-Salib tal-Għolja.

**5.3 Laqgħat għall-Għaqdiet**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill irċieva talba mill-Malta Council for the Voluntary Sector biex tiġi organizzata laqgħa mal-għaqdiet u organizzazzjoni volontarji tal-lokalità dwar l-opportunitajiet ta' għajuna li jeżistu f'dan il-qasam.

Il-Viċi Sindku qalet ukoll li l-Wasteserv ukoll tixtieq tiltaqa' mal-għaqdiet dwar kollaborazzjoni magħhom fil-qasam tas-separazzjoni tal-iskart.

Is-Sindku issuġġerixxa li tiġi organizzata laqgħa waħda u li fiha jattendu kemm il-Wasteserv kif ukoll il-MCVS.

**5.4 Talba għall-kumpens mis-sur Leonard Schembri (LCS 40/15)**
Is-Sindku ippropona li isiru l-ħlasijiet lis-sur Leonard Schembri (LCS 40/15) dovuti lilu kawża tal-inċident fit-triq magħrufa Tal-Għażżien, li tiġi wara d-Dar tal-Providenza. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li parti minn dawn il-ħlasijiet huma koperti bl-assikurazzjoni.
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondiet u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.5 Talba għall-kumpens mis-sur Julian Baldacchino**
Is-Sindku qal li jidher ċar li dan l-inċident seħħ kawża ta' negliġenza min-naħa tal-Kunsill u għalhekk ippropona li jsir il-ħlas dovut.
Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.6 L-Attività tal-Karnival**
Il-Viċi Sindku qalet li filwaqt li jidher li l-attività tal-Karnival irnexxiet, hija ssuġerit li fil-futur jew isiru mobil toilets jew isiru sinjali li jindikaw id-direzzjoni tal-latrina tal-Pjazza.

**5.7 Lista ta' bankini li jinħtieġu manutenzjoni**
Il-Kunsillier Dominic Grech staqsa dwar il-lista msemmija. Is-Sindku wieġeb li din se tiġi riveduta u titressaq f'seduta oħra.

**5.8 Nuqqas ta' knis fiz-zona ta' Kirċippu**
Il-Kunsillier Dominic Grech ilmenta dwar nuqqas ta' knis fl-imsemmija zona. Is-Sindku qal li wara laqgħa li kellna mal-kuntrattur, ipprovdejnilu lista tat-toroq kollha kif ukoll il-frekwenza li dawn għandhom jitnaddfu. Il-kuntrattur wiegħed li se jissorvelja aktar il-kenniesa.

**5.9 Triq l-Imqabba (Ta' Kandja)**
Il-Kunsillier Nicholas Cassar issuġġerixxa illi billi din it-triq saret aktar traffikuża isiru xi forma ta' rifletturi jew żebgħa ma' diversi ħitan fejn tidjieq it-triq.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara magħluqa fit-8:00pm u ippropona li l-Kunsill jerġa' jitlaqqa' Nhar it-Tnejn 14 ta' Marzu 2016, fis-7.00p.m. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-Tnejn, 14 ta' Marzu 2016**

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 316**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 1/2/16-22/2/16**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | arms | 247.65 | 247.65 | d | pf | patri guze delia 3/11/15-8/1/16 | 14.2.16 | 21636306 | | | | 11254 |
| 2 | arms | 349.42 | 349.42 | d | pf | bowling pitch lapsi 19/11/15-8/1/16 | 14.2.16 | 21636388 | | | | 11254 |
| 3 | arms | 39.70 | 39.70 | d | pf | gnejnet l-armonija 5/11/15-8/1/16 | 14.2.16 | 21637375 | | | | 11254 |
| 4 | arms | 76.91 | 76.91 | d | pf | s.borg olivier 6/11/15-5/1/16 | 12.2.16 | 21613442 | | | | 11254 |
| 5 | datatrak it services | 14.09 | 14.09 | d | pf | pre-regional tickets jan16 | 31.1.16 | 1011358 | | | | 11253 |
| 6 | the guard and warden | 201.24 | 201.24 | d | pf | old church street jan16 | 31.1.16 | GS002976 | | | | 11252 |
| 7 | ecopure | 8.60 | 8.60 | d | pf | water for dispenser | 9.2.16 | 632248 | | | | |
| 8 | milord | 3879.17 | 3879.17 | t | pf | cleaning non urban jan16 | 15.2.16 | 33 | lcs10/14 | | | 11268 |
| 9 | emidio camilleri | 551.63 | 551.63 | t | pf | public conveniences jan16 | 8.2.16 | 31 | lcs24/13 | | | 11267 |
| 10 | john marmara | 46.00 | 46.00 | d | pf | 3 gas cylinders | 5.2.16 | 314 | | | | 11266 |
| 11 | melita | 45.00 | 45.00 | d | pf | ta cwerra feb16 | 1.2.16 | 102613438 | | | | 11263 |
| 12 | csd | 87.32 | 87.32 | d | pf | stationery | 28.1.16 | 56585 | | po6/16 | | 11265 |
| 13 | nexos | 805.94 | 805.94 | t | pf | supply/inst lighting point | 4.2.16 | 2010948 | | | | 11264 |
| 14 | nexos | 2275.34 | 2275.34 | t | pf | street lighting repairs | 6.2.16 | 2010948 | | | | 11264 |
| 15 | melita | 45.00 | 45.00 | d | pf | patri guze delia feb16 | 1.2.16 | 102610794 | | | | 11263 |
| 16 | melita | 45.00 | 45.00 | d | pf | nikola bonello feb16 | 1.2.16 | 102610467 | | | | 11263 |
| 17 | melita | 45.00 | 45.00 | d | pf | salvu borg olivier feb16 | 1.2.16 | 102610792 | | | | 11263 |
| 18 | access point | 306.80 | 306.80 | d | pf | it virtual pack feb16 | 1.2.16 | 6455 | | | | 11262 |
| 19 | go | 92.46 | 92.46 | d | pf | 21468874 feb15 | 6.2.16 | 47367597 | | | | 11261 |
| 20 | go | 15.58 | 15.58 | d | pf | 21462946 feb16 | 6.2.16 | 47367581 | | | | 11261 |
| | **Sub Total c/f** | **€9,177.85** | **€9,177.85** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€9,177.85** | **€9,177.85** | | | | | | | | | |

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 316 tal-22/2/16**

Kunsillier

**Data: 1/2/16-22/2/16**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | go | 45.04 | 45.04 | d | pf | 21465799/21465805 feb16 | 6.2.16 | 47367622 | | | | 11261 |
| 22 | go | 63.40 | 63.40 | d | pf | 21466000/21466036 feb16 | 6.2.16 | 47367620 | | | | 11261 |
| 23 | vodafone | 93.60 | 93.60 | d | pf | 99762218 jan16 | 1.2.16 | 5072442022016 | | | | 11259 |
| 24 | police | 50.79 | 50.79 | d | pf | service pigeon culling | 11.2.16 | 66854 | | | | 11258 |
| 25 | vodafone | 62.91 | 62.91 | d | pf | 99491670 jan16 | 1.2.16 | 5072441022016 | | | | 11250 |
| 26 | secom | 1000.00 | 1000.00 | d | pf | pabx system supply/ins | 11.2.16 | 7312 | | po14/16 | | 11257 |
| 27 | louis stationery | 260.00 | 260.00 | d | pf | postage stamps | 15.2.16 | 350 | | po15/16 | | 11256 |
| 28 | louis stationery | 30.45 | 30.45 | d | pf | stationery | 15.2.16 | 350 | | | | 11256 |
| 29 | pavi | 10.58 | 10.58 | d | pf | sugar/tea | 13.2.16 | 2630061 | | | | 11276 |
| 30 | waste collection ltd | 2454.18 | 2454.18 | t | pf | street sweeping jan16 | 31.1.16 | 14/014 | lcs23/15 | | | 11275 |
| 31 | waste collection ltd | 2333.76 | 2333.76 | t | pf | public spaces jan16 | 31.1.16 | 16/013 | lcs31/15 | | | 11275 |
| 32 | waste collection ltd | 4315.59 | 4315.59 | t | pf | waste collection jan16 | 31.1.16 | 16/012 | lcs12/13 | | | 11275 |
| 33 | emanuel bonello | 45.00 | 45.00 | d | pf | water | 17.2.16 | 12701142 | | | | 11274 |
| 34 | emanuel bonello | 89.60 | 89.60 | d | pf | minerals jum sigg | 22.2.16 | 12701148 | | | | 11274 |
| 35 | george&pauline falzon | 90.00 | 90.00 | d | pf | distribution laqgha pubblika | 15.2.16 | 294 | | | | 11273 |
| 36 | melita | 13.74 | 13.74 | d | pf | tv feb16 | 1.2.16 | 102594815 | | | | 11263 |
| 37 | b.grima & sons ltd. | 199.13 | 199.13 | t | pf | thinner for road markings | 11.2.16 | 10005442 | | | | 11278 |
| 38 | b.grima & sons ltd. | 188.80 | 188.80 | t | pf | traffic signs | 12.2.16 | 10005495 | lcs14/13 | | | 11278 |
| 39 | smart office supplies | 148.70 | 148.70 | d | pf | stationery | 17.2.16 | 35345 | | po17/16 | | 11272 |
| 40 | landau | 531.00 | 531.00 | d | pf | evaluation report plans playground | 18.2.16 | L514 | | po18/16 | | 11271 |
| | **Sub Total c/f** | **€12,026.27** | **€12,026.27** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€9,177.85** | **€9,177.85** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€21,204.12** | **€21,204.12** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 316 tal-22/2/16**

0 Kunsillier

**Data:** **1/2/16-22/2/16**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | impressions | 267.86 | 267.86 | d | pf | invites jum sigg | 19.2.16 | 56747 | | po20/16 | | 11270 |
| 42 | n.baldacchino | 97.00 | 97.00 | d | pf | fuel expenses feb16 | 22.2.16 | | | | | 11270 |
| 43 | d.grima | 80.00 | 80.00 | d | pf | fuel expenses feb16 | 22.2.16 | | | | | 11269 |
| 44 | brass band | 750.00 | 750.00 | d | pf | serata karnivaleska 9/2/16 | 16.11.16 | | | | | 11255 |
| 45 | mark agius st paul chamber ensemble | 1000.00 | 1000.00 | d | pf | orchestra jum is-siggiewi | 2.2.16 | | | | | 11251 |
| 46 | b.grima & sons | 980.71 | 980.71 | t | pf | street signs | 16.1.16 | 10005415 | lcs14/13 | | | 11278 |
| 47 | b.grima & sons | 927.42 | 927.42 | t | pf | street signs | 16.1.16 | 10005414 | lcs14/13 | | | 11278 |
| 48 | b.grima & sons | 35.25 | 35.25 | t | pf | street signs | 16.1.16 | 10005416 | lcs14/13 | | | 11278 |
| 49 | arms | 46.73 | 46.73 | d | pf | dun anton vella 6/1/16-2/2/16 | 28.1.16 | 21715050 | | | | 11254 |
| 50 | arms | 19.25 | 19.25 | d | pf | dr a fenech 2/1/16-1/2/16 | 28.1.16 | 21715048 | | | | 11254 |
| 51 | arms | 30.77 | 30.77 | d | pf | dr n zammit 3/1/16-1/2/16 | 28.1.16 | 21715049 | | | | 11254 |
| 52 | leonard schembri | 1340.19 | 1340.19 | d | pf | damage vehicle expenses | 25.2.16 | | lcs40/15 | | | 11280 |
| 53 | secom | 243.00 | 243.00 | d | pf | pabx installation | 11.2.16 | 7312 | | po14/16 | | 11257 |
| 54 | | | | | | | | | | | | |
| 55 | | | | | | | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€5,818.18** | **€5,818.18** |
| **Sub Total b/f** | **€21,204.12** | **€21,204.12** |
| **Total** | **€27,022.30** | **€27,022.30** |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 316 tal-22/2/16**

Kunsillier

Kunsillier